18 ta' Mejju, 1959

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Portelli ne.

*versus*

Avukat Dr. Carmelo Testa et. ne.

## Danni — Art. 1180 tal-Kodiċi Ċivili.

*Id-danni ripetibbli huma biss dawk li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' adempiment tal-obligazzjoni. Jeħtieġ li jkun hemm dak li dottrinalment jissejjaħ "nesso di causalità".*

*Anki jekk id-debitur kien inadempjenti kolpożament, hu mhux tenut għad-danni jekk ikun nieqes in-ness ta' kawżalità bejn l-inadempiment u d-dannu pretiż.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wera li ppremetta illi hu xtara minn għand id-ditta konvenuta kwantità ta' kalendarji bil-prezz ta' £2320.5.3 komplessivament, kalkulat in bażi għal Lit. 93 il-wieħed; u li d-ditta konvenuta kellha tħallas lilu kummissjoni tas-6% fuq l-imsemmi prezz, ammontanti għal £137.10.0; u li l-konsenja tal-imsemmijin kalendarji kellha ssir mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1957; u illi d-ditta konvenuta naqset tikkonsenja l-istess kalendarji fiż-żmien konvenut, u minħabba dan hu sofra danni li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u illi d-ditta konvenuta la ħallset il-kummissjoni fuq riferita u lanqas id-danni; talab illi l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma ta' £137.10.0 lilu dovuta bħala kummissjoni skond il-ftehim fuq imsemmi, u dik is-somma li tiġi likwidata, in linea ta' danni, billi d-ditta konvenuta naqset tagħmel il-konsenja tal-imsemmijin kalendarji fiż-żmien stipulat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-22 ta' Jannar 1958;

*Omissis;*

Rat in-nota li biha l-Avukat Professur Dottor Felice Cremona assuma l-atti tal-kawża bħala mandatarju tad-ditta konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1959, li biha laqgħet l-ewwel talba tal-attur nomine limitatament għas-somma ta' £130, u ċaħditha għall-bqija, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza; u ċaħdet it-tieni talba, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

Dik il-Qorti kkunsidrat illi l-fatti li ppreċedew u taw lok għal din il-kawża ġew rijassunti fir-relazzjoni peritali, u huma fil-qosor dawn;

F'Marzu 1957, il-Gvern Ċivili ta' Malta għamel sejħa għal offerti għall-provvista ta' kalendarji ta' Malta għas-sena 1958, u fost offerti oħra kien hemm id-ditta attriċi, li b'ittra tat-22 ta' Mejju 1957 ġiet informata li l-Gvern kien aċċetta l-offerta tagħha għall-provvista ta' erbgħejn elf (40,000) "Malta Calendar for 1958", bil-prezz ta' £2062.10.0, purkè tikkonferma, fi żmien ħames tijiem, li kienet hi li għamlet l-offerta, u li kienet lesta tassumi l-obligazzjonijiet kollha tal-ftehim "as principals, and not as agents of any other person or firm". Hija bagħtet lill-Gvern l-ittra ta' din il-konferma fil-25 ta' Mejju 1957. Fost il-kondizzjonijiet aċċettati mid-ditta attriċi u l-Gvern kien hemm dik li l-kalendarji kellhom jiġu konsenjati lill-Gvern "not later than eleven weeks from the final passing of proofs"; u d-ditta attriċi aċċettat "the liabilities deriving from failure of execution of this condition as stipulated in clauses 1 and 2 of the special conditions of contract dealing with the liabilities for delay in delivery";

Sadattant, id-ditta attriċi kienet fi trattattivi mad-ditta konvenuta għall-fornitura ta' dawn il-kalendarji lid-ditta attriċi, u fit-2 ta' Awissu 1957 intlaħaq il-ftehim bejn l-istess ditta attriċi u dik konvenuta; u skond dan il-ftehim,

id-ditta konvenuta ntrabtet li tikkonsenja f'Malta l-40,000 kalendarju "entro il 31 Ottobre 1957";

Id-ditta attriċi kienet kontinwament tinsisti mad-ditta konvenuta biex din tassikura li l-konsenja f'Malta tal-kalendarji ma ssirx aktar tard miż-żmien pattwit, anzi preferibbilment qabel; u mill-ewwel irrimostrat enerġikament meta skorra ż-żmien mingħajr ma waslu l-kalendarji. Il-kalendarji waslu f'Malta fi tliet "consignments"; l-ewwel wieħed ta' 18000 fis-16 ta' Novembru; it-tieni ta' 16,000 fl-20 ta' Novembru; u t-tielet ta' 8,672 fit-3 ta' Diċembru. U skond ix-xhieda ta' Paul Naudi, "Director of Information and Tourist Services", waslu f'idejn il-Gvern f'żewġ "consignments", l-ewwel wieħed ta' 34,800 fit-12 (sic.) ta' Novembru 1957, u t-tieni ta' 8,672 fit-3 ta' Diċembru;

Id-ditta konvenuta attribwiet ir-ritard tal-konsenja da parti tagħha għal forza maġġuri, konsistenti fl-epidemja tal-influwenza asjatika li kolpiet l-Italja u pajjiżi oħra fil-primavera tal-1957, u għall-konsegwenzjali ritard fil-produzzjoni minħabba l-indispożizzjoni tal-ħaddiema;

Appena l-Gvern waslitlu l-aħħar konsenja ta' 8,672 kalendarju, hu nforma lid-ditta attriċi li, billi l-bilanċ li kien fadallu jirċievi kien ta' 5200 — kellu jirċievi 40,000 u kien irċieva 34,800 — l-eċċess ta' 3472 kalendarju kien qiegħed jiġi aċċettat mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet akkompanjanti t-termini tal-offerta; u in segwitu, fl-24 ta' Jannar 1955, informa lid-ditta attriċi illi dak l-eċċess ma setgħax jaċċettah; u l-attur nomine ħadu lura, u tħallas biss, skond il-kuntratt, is-somma ta' £2062.10.0 għal 40,000 kalendarju;

Tikkunsidra;

Illi d-danni li d-ditta attriċi qegħdha tirreklama minn għand id-ditta konvenuta — oġġett tat-tieni talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni — jikkonsistu appuntu fit-telf tal-prezz tal-imsemmijin 3472 kalendarju, li l-Gvern ma ħallasx għaliex in eċċess tal-kwantità stipulata; u d-ditta attriċi tippretendi li dan id-dannu hu mputabbli lid-ditta konvenuta, għaliex din kienet in ritard fil-konsenja tagħhom, u l-Gvern ma ħallasx appuntu għal din ir-raġuni;

Illi però, kif sewwa ssottometta l-perit, il-Gvern ma rrifjutax it-3472 kalendarju fuq riferiti għaliex ġew konsenjati tardivament, imma sempliċement u unikament għaliex kienu aktar mill-kwantità pattwita; u difatti l-kalendarji ma ġewx konsenjati lill-Gvern bir-ritard, il-għaliex . . . . . . ;

Illi għaldaqstant, kif sewwa ssottometta l-perit, jekk l-attur sofra xi dannu, dan ma kienx dovut għall-fatt li d-ditta konvenuta kienet f'ritard fil-konsenja tagħhom lill-istess attur nomine, . . . . . Fil-fatt, il-Gvern ma nfliġġa ebda penali, u ma rrifjutax l-eċċess minħabba d-dewmien, imma, kif intqal, għaliex ma riedx aktar mill-kwantità stipulata, mhux għar-raġuni ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, jiġifieri n-nuqqas tad-ditta konvenuta li tagħmel il-konsenja tal-kalendarji fiż-żmien stipulat. U għalhekk it-tieni domanda avanzata bl-att taċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Tikkunsidra, riferibbilment għall-ewwel domanda;

Illi l-konvenut nomine ammetta li għandu jħallas lill-attur nomine s-somma ta' £130 — mhux £137. 10. 0 — bħala kummissjoni skond l-ewwel talba; u l-attur nomine ammetta li dik il-kummissjoni tammonta għas-somma ammessa mill-konvenut, peress li, kif sewwa ppretenda l-konvenut nomine, din il-kummissjoni għandha tiġi kalkulata wara li mill-prezz jitnaqqsu l-ispejjeż tal-imballaġġ, spedizzjoni u assikurazzjoni, li hu ma kienx jaf għal kemm jilħqu meta ġie preżentat l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi għaldaqstant l-ewwel talba għandha tiġi akkolta, limitatament però għall-imsemmija somma ta' £130;

Rat fol. 145 in-nota tal-appell tal-attur nomine, u fol. 146 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata filli ċaħdet it-tieni talba tal-attur nomine, u jiġi minflok deċiż li l-konvenut nomine hu responsabbli għad-danni, u jiġi kundannat iħallas bħala danni somma li tiġi likwidata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi għat-tenur tal-liġi, art. 1180 Kap. 23 Ediz. Riv., id-danni ripetibbli huma biss dawk li jkunu l-effett "immedjat u dirett" tan-nuqqas ta' adempiment tal-obligazzjoni. Jeħtieġ li jkun hemm dak li dottrinalment jissejjaħ "nesso di causalità";

Illi, fil-każ preżenti, sabiex l-attur nomine jirnexxi fit-tieni talba, li dwarha hemm appell, kien jeħtieġ li jipprova li t-3472 kalendarju li l-Gvern ma aċċettax ġew rifjutati minħabba r-ritard fil-konsenja tagħhom lill-attur nomine da parti tad-ditta konvenuta. Dan hu l-"caput et basis totius processus — sine quo subsistere non potest';

Illi l-fatti, kif iddelineaw ruħhom, huma esposti għas-suffiċjenza fis-sentenza appellata. Il-provi juru konklamantement li l-Gvern irrifjuta l-kwantitattiv fuq imsemmi "mhux" minħabba xi ritard, imma minħabba li kien "in excess of the stipulated quantity ordered";

Illi, per konsegwenza, anki jekk "ex hypothesi" jingħad li r-ritard fil-konsenja, fir-rapporti bejn id-ditta attriċi u dik konvenuta, kien kolpuż mill-parti tad-ditta konvenuta (apparti kull prova ta' "vis major"), jibqa' dejjem nieqes in-ness ta' kawżalità bejn dan ir-ritard u d-dannu pretiż, ġa ladarba r-rifjut tal-Gvern kien motivat xort'oħra;

Illi lanqas jista' jingħad (kieku wieħed kellu jirritjeni applikabbli t-teorija tas-"sequela necessaria dell'adempimento" aċċennata mill-Giorgi, Vol. II, pp. 147-148, Teor. Obbligaz.). li l-Gvern irrifjuta l-eċċess għax ma kienx hemm żmien minħabba r-ritard. biex l-istess Gvern jiddisponi mill-kalendarji, u li kwindi r-rifjut tal-Gvern, kontuttokkè motivat fuq l-eċċess, kien verament jirrijallaċċja ruħu mar-ritard; u ma jistax jingħad hekk mhux biss għax fir-rapporti bejn il-Gvern u bejn l-attur nomine r-ritard kien ta' anqas minn 40 sigħa, kif opportunament jirrileva l-perit

ġudizzjarju fol. 133 tal-inkartament, imma anki għax għal-kemm fl-ittra fol. 119 hemm "per incidens" imsemmi r-ritard, eppure ġie affermat mix-xhud Naudi, allura d-"Director of Information and Tourist Services" (fol. 20 u 20 tergo), li l-Gvern ma kkonnettiex dan ir-ritard mar-rifjut; liema rifjut kien biss minħabba li t-3472 kalendarju kienu in eċċess;

Illi, del resto, l-ittra tad-ditta attriċi lill-Gvern fol. 118 turi għas-sufficjenza li din it-tieni talba, li dwarha sar dan l-appell, kienet tista' tirnexxi biss, salvi konsiderazzjonijiet oħra, kieku l-fatti kienu kif id-ditta attriċi xtaqet li jiddikjarahom, jew aħjar jiddeformahom, il-Gvern, sabiex tista' tippuntella l-azzjoni tagħha; iżda l-Gvern, edott mill-verità tal-fatti, ma aderiex għat-talba wisq sintomatika kontenuta f'dik l-ittra;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra d-ditta attriċi appellanti.